# IN-NAHLA

TA

## AUGUSTIN LEVANZIN

**RIVISTA PERIODICA ANGLO - MALTIA**

**BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.**

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Gieba zewg dac li gharaf hallat il helu mal mehtieg.*
IL POETA LATIN ORAZIU.

**184** (5) **IR-RABA SENA** **SOLD BISS**

DIRETTUR-PROPRIETARIU
PROF. AUGUSTIN LEVANZIN, B.A., D.PH., LL.B., D.PS., CH.F.
60, it-Triek tal Loggia, Rahal G'did, Malta.

MANAGER U CAXXIER: CARMENU CONSIGLIO
48, It-Triek ta Sant' Anton, il Birgu

ABBONAW *ghand il Prof. Levanzin, fl'Unione Tipografica Maltese, 28, Str. Cristoforo u fil Libreria Critien, Str. Reale, il Belt.*
HLAS—*Erba xelini cull tnejn u hamsin numru; zewg xelin cull sitta u ghoxrin numru; xelin cull tlettax in-numru, bil kud diem, posta barrania. Tistghu tibaghtu bhala hlas bolli tat-tlieta*


## L'IMBIT

Bosta mil karreya tan-NAHLA talbuni nghidilom xi hag'a fuk l'imbit, u yecc yaghmelx hsara fis-sahha. Seyer ghalecc nibda biex infehimcom ciar l'imbit x'inù, u meta tifmu bhali sewwa l'imbit x'inù intom stess tistghu tghidu yecc yaghmelx hsara yew le, u yecc hakkux min iberbak flus fih yew lè.

Il gisem tal bniedem u tal animali ucoll ghandu bz'onn tal carboniu biex jipproduci is-shana u l'energy-a billi minnghayrom ma yistax ighix.

Yecc il gisem ma yipproducix shana continuament yicsah, u it-temperatura tibbaxxa talment li id-demm ying'azza, u bla demm gieri biex yinnutrihom ic-celluli imutu imgharghrin fit-tossini li chiecu imexxi u inaddaf ucoll.

Il gisem irid yipproduci ucoll l'energy-a billi bla dina ma yistax lankas ic'aklak sebghu iz-zghir, u billi minnghayra l'organi vitali ma yistghux yahdmu u yiffunzionaw, u ghalecc billi tistalla il macna ghal collox il gisem imut.

Mela il produzion continua tas-shana u tal energy-a uma assolutament necessarii fil gisem biex ighix u yiffunziona; u dawn iz-zewg' funzioni essenziali uma prodotti mil carboniu tal ichel.

Wihed yista ydahhal dana il carboniu bhala ichel b'bosta modi. Cull ichel li fih l'*amidi* bhal ma ù il hobs, il ghagin, il patata, l'arrowroot, it-tapioca, is-sago, irross, etc., fihom hafna carboniu billi ma umiex composti minn hag'ohra hlief minn carboniu u ilma.

Iz-zoccor, il ghasel, ix-xaham, il butir, il margarina, iz-zyut, etc., uma ucoll composti minn carboniu u ilma, biss ix-xaham, iz-zyut, il butir u il margarina fihom actar carboniu, quasi id-doppiu.

Wara snin twal ta studiu fuki stess, fuk eluf ta nies ohra u wara hafna esperimenti fil laboratoriu tighi u tal Carnegie Institute, yena usalt fil conclusion xientifica li l'ahyar hag'a biex indahhlu il carboniu fil gisem ghas-shana u l'energy-a ù il glucosiu, iz-zoccor li emm fil gheneb misyur sewwa fuk id-dielya u li ahna nistghu nacquistaw facilment fiz-zbib u fil passulina.

Iz-zbib ma ùx hlief boros ideali mimlia b'dana il glucosiu tant prezius u li minnghayru l'attività, il hsieb u il haya uma impossibili. Mela iz-zoccor—il glucosiu—li fih il gheneb misyur ù element mux biss mehtieg izda ucoll ideal ghas-sahha u ghal attività. Tant illi illum fil *Marathon races* (tig'riet) ic-champions ma yeclux hlief *raisins* (zbib) u halib bl'isfar frisc tal bayd, billi f'dawn it-tliet hweyeg' emm cull ma yinhtieg' ghall haya u l'attività l'actar intensa bl'ankas tberbik ta energy-a mil gisem.

Il gheneb misyur fih ucoll hafna hweyeg' preziusi ohra, per esempiu, l'ilma distillat u pur li ma ux imnigges b'xeyn bhal ma yista ycun l'ilma tal ghayn yew tal vit. Fih ucoll it-tartrat tal potassiu li ù tayeb hafna biex yalcalinizza l'acidità tad-demm prodotta mil-laham, mil hut, mil hobz, etc., li nieclu.

Fi ftit cliem cull ma fiha il ghenba misyura u iz-zbib ù collu ideal ghas-sahha sahansitra il gilda biex tharrec l'imsaren u iz-zerrigha li meta tkarmic'a u tiblahha thalli fil gisem hafna vitamini preziusi ferm.

Mela meta nieclu il gheneb misyur yew iz-zbib bla msayar yew imsahhan, incunu k'ed naghmlu l'ahyar hag'a ghas-sahha u ma nistghu nsofru katt l'ebda dannu minn dana l'ichel.

L'Americani yixorbu il merak tal gheneb bla iffermentat li yseyhulu *grape-juice*.

Issa halli naraw ftit x'naghmlu, b'gherfna collu, minn dana l'ichel ideal ghas-sahha u l'attività, meta nixorbuh imbit. L'aria ì mimlia bil microbi tal fermentazion ghad li ma narawhomx b'ghayneyna billi uma tant zghar tassew.

Dawn, meta yaghsru il gheneb u yhallu is-sugu, il merak, micxuf f'bettia, yakghu fih bil miliuni u billi uma wisk actar ghorrief mil eghref fostna yafu ben tayeb ghal feyn yichilbu u yattaccaw bla telf ta zmien il glucosiu tal gheneb u yibdew yecluh ghas-shana u l'energy-a li uma ucoll ghandom bzonn.

Dan il glucosiu yoforkuh f'zewg' hweyeg, l'acidu carbonicu, li ù velenus, u li yevapora bil mod li cullhadd yaf bhal ma yevapora mil-luminara gassusa. B'ecc ma yaghmelx hsara billi ma yidholx il gisem ghad li yhassar l'aria ta ma dwarna billi ywarrab l'ossigenu li fiha.

Dac li yeclu il microbi tal fermentazion ghas-shana u l'energy-a tahhom yiddigeruh u ychecc'u ir-residuu, l'escrement velenus, bhala alcool (spirtu di vinu)!

Mela l'alcool mux biss tal imbit izda ucoll tal licuri l'ohrayn coll'a ma ùx hlief escrement velenus li il microbi icaccuh wara li ycunu redghu is-sustanza uma tal glucosiu

rante il mio soggiorno nella città natia del Colombo e dove riposa la salma del Mazzini. Il Prof. Pende mi scrive:

*Genova, 29-1-28*

*Caro Professore ed Amico: Grazie anche a nome della mia signora dell'amabile dono della sua fotografia e dei giornali speditimi. Noi conserviamo sempre di Lei gradito ricordo e Le auguriamo ogni felicita'. Le mando qualche mio lavoro, nella speranza che Le riuscira' ben accetto e che Lei ne parlera' nella sua eccellente rivista. Con cordiali saluti, affmo. amico, N. Pende.*

Il Prof. Pende mi ha gia gentilmente regalato la sua fotografia e parecchi dei suoi lavori. Io parlerò più a lungo di lui e dell'opera sua immortale come sono le opere di altri genii gloriosi italiani, del Carducci, del Leopardi, del D'Annunzio, della Deledda, etc. Grazie.

—o—o—

## IL LIGI FUK L'INGIURII

Wihed mil imsiehbin tan-*Nahla*, bli rcevuta numru 506, issottomettielna dal cas interessant u important hafna li yena seyer inwiegeb scond il fehma tal famusa rivista legali "Il Foro Penale Napoletano" feyn emm cas esattament bhalu. Yecc xi avucat yew xi procuratur-legali yista ygharrafna b'xi cas li gie decis f'Malta u chif yaghmlilna piacir cbir halli ngibuh fin-*Nahla* b'ismu.

Scond il Codici Penal Talian (art. 393) u nahseb li yghodd ghalina ucoll, "yecc taghmel communicazion, igifieri yecc tati informazion il xi hadd, mux min yeddec izda ghax mitlub yew sforsat yew obligat mil ligi ma tistax tehel bhala hati ta diffamazion, li ì actar gravi mil ingiuria billi ycun fiha elementi specifici gravi".

Per esempiu: Yecc yena nghidlec li int "halliel" ì ingiuria, izda yecc yena nghidlec "li int srakt it-tali hag'a lit-tali" ì diffamazion yew bhal ma nseyhula ahna awn "ingiuria gravi".

Carmni, bint Peppa u oht Toni mizzeweg' ma Censa, kalet u fdat ma Peppa omma li Censa, mart hua Toni chienet kieghda tghix f'relazion ta aduleriu ma ragel ihor. Dina Carmni ma chella x'taksam xeyn ma Censa u dac li kalet lil Peppa omma ma kalitux biex tghamel hsara lil Censa izda biss biex omma Peppa tiftah ghayneyha u ma thallix il bina Toni actar f'din il posizion infelici u ridicola. Mela awn insibu l'*animus informandi* u mux l'*animus injuriandi* li yifforma l'element tar-reat li ù assolutament necessariu biex wihed yista yehel ghad-diffamazion. Bla animu hazin ma emmx htia. Peppa omm Toni kaltlu x'chienet gharrfita bih ohtu Carmni u dana hareg' mid-dar u telak il martu Censa. Biex icun sgur actar minn dac li kaltlu ommu ha il huh ihor mighu, sabu il Carmni u kuddiem huh staksiha ux tassew dac li ìa chienet kalet l'omma u ommu. Carmni sguratu li dac li ìa chienet kalet l'omma chien collu minnu. Dana allura moghwi minn martu fittex l'ohtu Carmni talli nfamatlu il martu b'mod ecc icreh u telghu il Korti. Il Pretur ta Messina feyn g'ara il cas illibera l'imputata Carmni billi ma irrisultax l'*animus injuriandi* izda l'*animus informandi* biss u l'ankas spontanew f'dal cas billi chien Toni stess li mar staksiha u mux ìa marret tfittxu biex tghidlu.

Toni appella u il Korti wahhlita billi kalet li meta Toni staksiha kuddiem huh Carmni ma chelliex ticconferma il fatt izda tiscot. Carmni ghamlet ricors kuddiem il Korti tal Cassazion tar-Reniu u dina iddecidiet dana: "Che errarono i giudici d'appello nel ritenere che ad integrare il delitto di diffamazione basti l'esistenza del materiale obbiettivo, e che sia irrelevante il fatto di non essere state spontanee le propalazioni diffamatorie. Invece in nessun reato l'elemento morale e intenzionale ha così alta importanza come nel delitto di diffamazione; perchè senza di esso vien meno ogni qualsiasi imputabilità, e mentre l'attentato alla vita ed alla integrità personale sussiste sempre, qualunque ne sia stato il movente, l'attentato all'onore si esaurisce solo quando sia determinato da proposito offensivo. Ciò importa che in tema di diffamazione non basti la semplice volontarietà del fatto, ma vuolsi l'intenzione MALIGNA nell'agente, giacchè tale malignità non è un semplice complemento della giuridica imputabilità, ma un elemento sostanziale di essa, che se vien meno, fa sparire ogni possibilità d'offesa ed ogni responsabilità punitiva, essendo inconcepibile una legge che perseguiti un offensore che non ebbe mai in animo il proposito di offendere chichessia. E' pur vero che l'intenzione dolosa è presunta in diritto *quoties verba vel facta per se sunt injuriosa* ma tale regola prevede una eccezione *nisi injuriandi fecisse.* E ciò perchè il principio assoluto d'una presunzione juris et de jure sarebbe esorbitante senza detta eccezione, giacchè la presunzione in sifatta materia, non è un fattore adamantino di fronte ad una prova contraria. Anche nella relazione al Codice il Ministro ricorda: "come non sussista il reato in parola senza dolosa divulgazione del fatto determinato criminoso ed immorale". Il vizio del ragionamento sta nell'aver ritenuto prova integrale della diffamazione altra comunicazione non spontanea dopo, e dove s'afferma l'obbligo dell'imputata di mentire o di tacere nelle confidenziali richieste mosse dal marito interessato. Ora non è concepibile malizia senza spontaneità od iniziativa d'estrinsecazione: e mentre non si discute il carattere riprovevole della menzogna, quanto alla virtù di tacere, la violazione di essa non può assurgere ad elemento dimostrativo del dolo dell'agente. Che riconoscendosi sussistere il denunciato difetto di motivazione della sentenza, questa va cassata, etc."

Minn dana ir-ragionament tant ghakli u seriu u logicu inti tista tifem li billi dic l'informazion li inti tayt ma klaytiex minn zniedec u lankas tayta minn yeddec u lankas ghamiltu ghax chellec xi tghid ma dac li yippretendi li infamayt, u ghaleec ma ghamiltux bl' *animus injuriandi*, yena yidirli u il-legali l'ohra nahseb li yakblu mighi, li il cliem biss ma ux bizzeyed biex yohlok l'ingiuria.

Billi din il question tal ingiurii ì comun hafna u ycun emm casi fukom spiss fil Krati yena bi hsiebi nati hafna wisa ghad-discussion tahhom, halli meta ycollcom xi cas tcunu tafu yecc ghandcomx htia yew le u chif il causa ghanda tigi ittrattata kuddiem il Korti.

Forsi xi wihed mil fanatici yiccriticani talli gibt dina is-sentenza bit-talian. It-taliani uma legislaturi mil ahyar u il lingua tahhom sabiha, armoniusa u utili ghal questioni legali. Dac li nopponi deyem yen ma ux il lingua taliana f'Malta izda l'influenza politica tahha u l'usu tahha ghall' concorrenza tal frustieri taliani contra l'interessi taghna.

—o—o—

## IL CAPT. BERTU LAFERLA

Yena leyn Bertu ma ghandi l'ebda animu personal anzi il cuntrariu billi ù cugin ta uliedi u ghadni niftacar meta cont niehdu Ghar-id-dud, kabel sefirt, u nchelmu bl'inglis u naghmillu il kalb halli yghaddi il kuddiem. Dac li ctibt fuku ghamiltu biss ghaliex fuk spalleyh ghandu il pis u ir-responsabilità enormi tal generazion futura taghna li seyra issib ruhha f'saram wisk aghar minn dac li ahna fih. Meta smayt dic il miseria ta conferenza u rayt li ittratta is-soggett tant vital b'dic il-leggerezza u b'dic l'incompetenza bhala educatur u specialment meta rayt li irid yahli iz-zmien prezius ta ulied il fkar fil hmeriet tal *fairy tales* u x'naf yen, iddisgustajt ruhi tant billi speci ta chelli idolu sabih tal *bisquit* li waka ghar-rasu u tfarrac. L'ewel sentiment li hassejt chien ta pietà profonda ghalih u actar ghall povru tfal fdati f'ideyh u mort id-dar kalbi sewda tassew.

L'aghda meta ftaht il "Chronicle" ta habibu Bartolo u rayt dic il facciata colla b'dac il patafiun ta tifhir sfacciat u ingiust, irrabiajt billi fhimt b'liema ingiustizia yintghata it-tifhir f'dana il pais. Allura kbadt f'ideya ix-xewca tan-*Nahla* u kammistu biha. Ma nafx ghala il verità naffret tant nies hlief billi *la verita' offende sempre.* Mux tassew li yena ridt naghmel allusion ghall haya privata billi il ghaydud li smayt smaytu wara u dawc l'affariet, anche yecc uma minnom, *are below me.* Is-Sur Walter Borg P.L. li kara il bozzi tan-*Nahla* coll'a bhala revisur legali yista yahlef li dac li irrifereyt ghalih u li ma biddilli ehien ta natura politica u mux domestica. Issa irrid inwiegeb lid-"Dr. Xecchec" ghal contradizion li semma. L'ewel nett yena ghandi id-dritt li nibdel l'opinion tighi wara seba snin shah u meta nicconoxxi bniedem personalment f'loc dac li ctibt meta cont ili snin imsiefer u eluf ta mili boghod. Dac l'articolu li ctibt

